

Brussell, 23 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11856/22
ADD 1

COH 74
SOC 467
PECHE 287
CADREFIN 132
JAI 1098
SAN 488
DELECT 134

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 5503 final/ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u l-istabiliment ta' ammonti għal finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal ċerti operazzjonijiet li jiffaċilitaw l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fis-soċjetà fil-qafas tal-inizjattiva ALMA - "Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb" (Aim, Learn, Master, Achieve)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 5503 final/ANNEX.

Mehmuż: C(2022) 5503 final/ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2022
C(2022) 5503 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u l-istabbiliment ta' ammonti għal
finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal ċerti operazzjonijiet li jiffaċilitaw l-
integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fis-soċjetà fil-qafas tal-
inizjattiva ALMA - “Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb” (Aim, Learn, Master, Achieve)**

ANNEX

Kundizzjonijiet għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi skont l-Artikoli 94(4) u 95(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060 abbażi tal-kostijiet unitarji u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għall-operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-inizjattiva “ALMA”

1. Tipi ta' operazzjonijiet koperti mir-rimborż abbażi tal-kostijiet unitarji u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet

L-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) li jipromwovu l-implimentazzjoni tal-inizjattiva dwar l-inklużjoni attiva “ALMA”¹ (Aspira-Tgħallem-Aħkem-Ikseb) bil-għan li jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh żvantaġġati ta' bejn it-18 u d-29 sena biex isibu impjieg, apprendistat jew jergġhu jibdew l-edukazzjoni u b'hekk jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà (minn hawn 'il quddiem “l-operazzjonijiet tal-ALMA”). F'każijiet debitament ġustifikati, l-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-età tal-grupp fil-mira biex tinkludi żgħażaġh żvantaġġati li għandhom bejn il-15 u s-17-il sena.

L-operazzjonijiet tal-ALMA jikkonsistu fi tliet fażijiet:

1. It-tnejn: il-parteciċipanti se jirċievu taħriġ u coaching intensiv imfassal apposta fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom biex jitħejjew għal perjodu barra mill-pajjiż.
2. Il-mobbiltà: il-parteciċipanti se jqattgħu minn xahrejn sa sitt xhur fi Stat Membru ieħor, integrati fl-ambjent tax-xogħol ta' kumpanija jew ta' istituzzjoni. Din il-fażi teħtieġ li ddum mill-inqas 30 % tat-tul ta' żmien kollu li jkun ippjanat għall-operazzjoni.
3. Is-segwitu: Malli jiġu lura, l-appoġġ kontinwu se jiġgwida lill-parteciċipanti biex jużaw il-ħiliet li jkunu għadhom kif kisbu fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom ħalli jsibu impjieg jew jirċievu edukazzjoni ulterjuri.

¹ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1549&langId=mt>

L-ammonti u l-kundizzjonijiet iddefiniti ma għandhomx japplikaw għall-programmi, li għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ikunu stabbilixxew, l-għażliet tal-kostijiet issimplifikati u speċifiċi tagħhom stess jew il-finanzjament mhux marbut mal-iskemi tal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 94(2) jew 95(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, rispettivament.

2. Definizzjoni tal-kostijiet unitarji u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet

Id-definizzjoni tal-indikatur li jiskatta l-pagament, l-unità ta' kejl u l-ammont tal-kostijiet unitarji huma stabbiliti fl-Appendiċi 1. L-ammonti ta' kuljum jingħaddu għal kull jum kalendarju u japplikaw ukoll għall-parteciċipanti li jirtiraw mill-operazzjoni qabel iż-żmien.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati, ir-riżultati li għandhom jinkisbu, l-unità tal-kejl relatata u l-ammont ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet huma stabbiliti fl-Appendiċi 2.

3. Aġġustament

L-ammonti huma stabbiliti għal dawk il-partijiet tal-operazzjoni li jitwettqu matul l-2022. Dawn għandhom jiġu aġġustati skont il-livelli tal-prezzijiet u l-inflazzjoni billi jintużaw l-indiċijiet tal-Eurostat speċifiċi għal kull Stat Membru għall-inflazzjoni annwali mill-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (Harmonised Index of Consumer Prices, HICP)² għas-snin sussegwenti. L-ammonti għandhom jiġu aġġornati darba fis-sena u għal dawk il-partijiet tal-operazzjoni li jiġu implimentati fis-sena kalendarja l-ġdida, għandu japplika l-ammont il-ġdid.

² <https://ec.europa.eu/eurostat/web/hicp/overview>

APPENDIĊI 1 - Rimborż ibbażat fuq il-kostijiet unitarji

1) Definizzjoni tal-indikatur li jiskatta l-pagament

Iż-żgħażaġh żvantaġġati ta' bejn il-15 u d-29 sena li jipparteċipaw f'operazzjoni tal-ALMA.

2) Unità ta' kejl

L-għadd ta' jiem ta' parteċipazzjoni fi kwalunkwe fażi tal-operazzjoni (il-fażi ta' tħejjija, ta' mobbiltà u ta' segwitu) għal kull persuna.

3) Ammonti

Il-kostijiet unitarji ta' kuljum għal kull parteċipant japplikaw b'mod ugwali għat-tliet fażijiet kollha tal-operazzjoni. L-ammonti huma stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt bir-referenza għall-Istat Membru li fih il-benefiċjarju jimplementa l-operazzjoni.

Tabella 1 - Kostijiet unitarji bażiċi għal kull jum (f'EUR):

AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL
80,53	77,45	31,92	59,24	46,37	77,61	86,91	50,34	50,80
ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU
109,20	78,19	73,00	41,09	41,80	90,51	66,31	49,78	121,23

LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK
44,75	56,87	80,34	37,41	54,10	38,65	79,64	69,44	47,98

Appendiċi 2 - Rimborż ibbażat fuq l-ammonti għall-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet

1) Żieda għall-parteeċipanti li jmorru fi Stat Membru bl-ispejjeż tal-ħajja ogħla

Jiġi applikat ammont ta' żieda kuljum, għall-fażi ta' mobbiltà, għal dawk li jipparteċipaw f'operazzjoni tal-ALMA li qed iqattgħu perjodu relatat max-xogħol tagħhom barra minn pajjiżhom fi Stat Membru fejn il-kostijiet tal-ħajja jkunu ogħla mill-Istat Membru fejn iseħħu l-fażijiet l-oħra tal-operazzjoni. Din iż-żieda tapplika għall-parteeċipanti li jivvjaġġaw mill-Istati Membri tal-grupp 2 u 3 għall-Istati Membri tal-grupp 1 u 2, rispettivament, f'konformità mat-tabelli 2 sa 4 hawn taħt.

Tabella 2 - Klassifikazzjoni tal-Istati Membri fi gruppi

Stat Membru	Grupp 1	DK	FI	IE	LU	SE						
	Grupp 2	AT	BE	CY	DE	EL	ES	FR	IT	MT	NL	PT
	Grupp 3	BG	CZ	EE	HR	HU	LT	LV	SI	SK	PL	RO

Tabella 3 (f'EUR) - Ammont ta' żieda kuljum għall-fażi tal-mobbiltà tal-operazzjonijiet li jseħħu fil-BG, fiċ-CZ, fl-EE, fil-HR, fil-HU, fil-LT, fil-LV, fil-PL, fir-RO, fis-SI u fis-SK

Stat Membru fejn iseħħu l-operazzjonijiet tal-ALMA	BG	CZ	EE	HR	HU	LT	LV	PL	RO	SI	SK
Fażi ta' mobbiltà li sseħħ fi Stat Membru mill-grupp 2	5,00	7,27	7,89	6,44	6,55	7,80	7,01	5,86	6,06	10,88	7,52
Fażi ta' mobbiltà li sseħħ fi Stat Membru mill-grupp 1	11,86	17,23	18,71	15,27	15,54	18,50	16,63	13,90	14,36	25,81	17,83

Tabella 4 (f'EUR) - Ammont ta' żieda kuljum għall-fażi tal-mobbiltà tal-operazzjonijiet li jseħħu fl-AT, fil-BE, f'CY, fil-DE, fil-EL, fi ES, fi FR, fl-IT, f'MT, fin-NL u fil-PT

Stat Membru fejn isehhu l-operazzjonijiet tal-ALMA	AT	BE	CY	DE	EL	ES	FR	IT	MT	NL	PT
Fażi ta' mobbiltà li sseħħ fi Stat Membru mill-grupp 1	14,97	14,39	11,01	14,42	9,44	20,29	13,57	12,32	10,57	14,93	10,05

2) Żieda fakultattiva għall-parteċipanti li jirċievu allowance mill-benefiċjarju

L-ammonti stabbiliti fit-tabella 5 ta' hawn taħt japplikaw għall-parteciċipanti li jirċievu l-istess ammont bħala allowance ta' kuljum mill-benefiċjarju. Din iż-żieda tista' tiġi applikata għal fażi waħda, għal żewġ fażijiet jew għat-tliet fażijiet kollha tal-operazzjoni. Għall-fażi ta' mobbiltà, japplika l-ammont tal-Istat Membru ospitanti.

Tabella 5 - Żieda kuljum għall-parteciċipanti li jirċievu allowance mill-benefiċjarju

AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL
42,29	40,45	6,94	26,65	16,43	38,65	50,49	18,84	13,47
ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU
24,68	40,90	37,09	12,01	9,62	41,96	28,22	12,47	59,76
LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK
13,46	25,24	40,46	11,71	16,48	6,33	40,23	23,12	13,35

3) Żieda għall-parteciċipanti li jirnexxu

Ammont ta' żieda kuljum jiġi applikat għall-għadd ta' jiem tal-parteċi-pazzjoni tal-individwu rispettiv f'operazzjoni tal-ALMA għall-parteċi-panti kollha li jsibu impjeg, jirreġistraw għal taħriġ ulterjuri, edukazzjoni jew programm tas-suq tax-xogħol jew jergħu jidħlu għalihom fi żmien 6 xhur wara li joħorġu mill-operazzjoni tal-ALMA.

Tabella 6 - Żieda kuljum għall-parteċi-panti li jirnexxu skont l-Istat Membru fejn isseħħ il-fażi preparatorja (f'EUR):

AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL
6,44	6,20	2,55	4,74	3,71	6,21	6,95	4,03	4,06
ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU
8,74	6,25	5,84	3,29	3,34	7,24	5,30	3,98	9,70
LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK
3,58	4,55	6,43	2,99	4,33	3,09	6,37	5,56	3,84